MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Numru. 948/2008

**Il-Pulizja**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Emanuel Sammut**

Kumpilazzjoni Nru: 948/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Sammut, ta’ 38 sena, iben Albert u Agnes nee’ Zerafa, imwieled il-Pieta’ fit-12 ta’ Ottubru, 1969 u residenti gewwa Numru 8, Triq Santa Tereza, Birkirkara u detenutur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 483569M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer :-

1. Nhar it-28 ta' Settembru, 2008, ghall-habta tal-hamsa u kwart ta' wara nofs in-nhar (17:15hrs), naqas milli jieqaf u jaghti l-isem, l-indirzz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-detallji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura meta kien involut f'incident b'vettura bil-mutur fi Triq, f' Birkirakara li kien jinvolvi offiza fuq persuna ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Triq Dun Karm, B'Kara involontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Eleno Zarb minn B'Kara hekk kif iccertifika Dr.Konrad Borg M.D mil-iSptar Mater Dei.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirikostanzi ikkommetta hsara involontarja fuq vettura tal-ghamla Maruti bin-numru tar-registrazzjoni MAR212 ghad-dannu ta' Eleno Zarb minn B'Kara, liema hsara tammonta ghal-valur ta' elfejn hames mija u tnejn u sitting Ewro (2562Euro).

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura ta' l-ghamla Mitsubishi b'numru ta' registrazzjoni GBB 619 b'manjiera traksurata, negligenti u perikoluza.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed joqrob lejn roundabout tat-traffiku ma halliex jghaddi il-vettura li kienet diga' qed iddur ma' dik ir-roundabout.

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu' jew f'lok pubbliku jew miftuh ghall-ubbliku, ikun jidher bic-car fis-sakra li jkollu l-hsieb ta' xi vettura.

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma irregolari (harpoon) u strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

8. U aktar talli fis-29 ta' Settembru, 2008 ghal- habta tat-tlieta u hamsa ta' filghodu (03:05hrs), gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan iddenunzja rapport lill-Pulizija esekuttiva reat li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

9. Finalment akuzat aktar talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-kapitolu 9 tal-kodici kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reat, b'sentenza ta' reati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat l-artikoli 49, 50, 110(2), 226(1)(c), 328(d) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480, kif ukoll ir-Regolamenti 67 u 82 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghat x-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat d-dokumenti esebieti u l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-fatti ta' dan il-kaz ma tantx hemm kontestazzjoni. Eleno Zarb kien qed isuq il-vettura ta' tip Maruti b'numru ta' registrazzjoni MAR 212 fi Triq Dun Karm Birkirkara (ahjar maghrufa bhala l-by pass ta' Birkirkara) mid-direzzjoni ta' Lija lejn l-Msida u dar ma' l-ahhar roundabout li hemm f'dik it-triq biex jidhol fi Triq Tumas Fenech. Hekk kif lahaq dar mar-roundabout u kien qed jaqsam il-karreggjata tan-naha l-ohra biex jidhol fi Triq Tumas Fenech giet vettura minn-naha ta' l-Msida li baqghet ghaddejja b'certa velocita tant li minkejja li gew applikati l-breaks din it-tieni vettura habtet mal-Maruti li b'l-impatt inqalbet u giet tistrih fuq genbha. It-tieni vettura kienet van ta' tip Toyota Lite Ace b'numru ta' registrazzjoni GBB 619 misjuqa mill-imputat. Dan mal-habta irriversja biex ikun jista jkompli jsuq u fil-fatt minghajr ma waqaf biex jara x'gara saq l' hemm u kompla fi triqtu. Dan l-incident sehh nhar it-28 ta' Gunju 2008 ghal habta tal-hamsa ta' wara nofs in-nhar.

Illi l-ghada, kmieni fil-ghodu, cioe fid-29 ta' Settembru 2008 ghall-habta tat-tlieta ta' fil-ghodu l-imputat mar l-ghassa ta' San Giljan u rrapporta li kienet insterqietlu l-karrozza tieghu. Fir-rapport li ghamel huwa allega li kien ipparkja l-karozza tieghu b'numru ta' registrazzjoni GBB 619 fi Triq Dragonara Paceville fit-28 ta' Settembru 2008 ghall-habta ta'l-erbgha ta' wara nofs in-nhar u meta mar ghaliha nhar id-29 ta' Settembru 2008 fit-tlieta nieqes kwart ta' fil-ghodu ma sabiex hemm.

Illi meta (nhar id-29 ta' Settembru 2008) nstabet il-vettura ta'l-imputat mill-pulizija, ttiehdet id-depot fejn saret tfittxija fiha; waqt it-tfittxija insatbu harpoon u sikkina u gew notati ukoll hsarat kompatibbli mad-dinamika ta' l-incident li sehh il-gurnata ta' qabel.

Illi l-imputat, mhux ghax mar ghand il-pulizija minn jeddu imma wara li gie arrestat u meta kien qed jirrilaxxja stqarrija, irrakkonta lill-pulizija dak li kien gara nhar it-28 ta' Settembru 2008 u anke bir-rapport falz li kien ghamel.

Illi fl-incident Eleno Zarb soffra griehi hfif fil-waqt li l-vettura tieghu garrbet tant hsarat li gie stabbilit li kienet *beyond economical repair*; il-valur tal-vettura qabel l-incident kien ta' circa elef tlett mija u sebgha u disghin Euro (€1,397).

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jikkoncernaw kemm l-incident li sehh fit-28 ta' Settembru 2008 kif ukoll ir-rapport falz li huwa ghamel l-ghada fil-ghodu. L-imputazzjonijiet huma s-segwenti:

1. li ma waqafx meta kien involut f'incident b'vettura;
2. li kkaguna offieza hafifa ta' natura nvolontarja fuq il-persuna ta' Eleno Zarb;
3. li kkommetta hsara nvolontarja fuq il-vettura MAR 212;
4. li saq il-vettura GBB 619 b'manjiera negligenti, bla kont u perikoluza;
5. li naqas li jhalli vettura li kienet ghaddejja mar-roundabout tghaddi;

6. li kien f'lok pubbliku meta kien fis-sakkra u ma kienx jista jiehu hsieb tieghu nniffsu;
7. li kellu fil-pussess tieghu arma rregolari u strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja;
8. li ddenunzja reat li kien jaf li ma sarx u li holoq tracci ta' reat; u
9. li huwa recidiv.

Illi mill-atti u l-provi prodotti jirrizulta ampjament li nhar it-28 ta' Gunju 2008 l-imputat, mhux biss injora r-regoli tat-traffiku li jirrigwardaw roundabouts imma saq il-vettura tieghu GBB 619 b'manjiera perikoluza. Jirizulta ukoll li bhala rizultat tas-sewqan perikoluz u negligenti tieghu l-imputat habat fil-vettura misjuqa minn Eleno Zarb, ikkaguna offieza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Eleno Zarb, ikkaguna hsara fil-vettura Maruti MAR 212 f'l-ammont ta' elef tlett mija u sebgha u disghin Euro (€1,397) u li naqas li jieqaf meta huwa kien involut f'incident. Konsegwentement l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjoni gew sodisfacjentement pruvati.

Illi s-sitt imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik li *f'l-istess data hin lok u cirkostanzi*, cioe fid-28 ta' Settembru 2008 ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofs in-nhar, *f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien jinstab fis-sakra ...*.

Illi l-unika xhud li ghamlet referenza ghal xi fatt li jista' jkun relevanti ghal din l-imputazzjoni kienet WPC 174 Joan Bonello; hi qalet li l-imputat kellu riha ta' xorb (u mhux li kien fis-sakkra). Ix-xhud pero kienet qed tirreferi ghal dak li kkonstatat hi nhar id-29 ta' Settembru 2008 fit-tlieta ta' fil-ghodu u mhux fid-data u l-hin fuq indikati. L-imputat da parti tieghu jghid (f'l-istqarrija) li qabel ma telaq minn San Giljan dak in-nhar ta' l-incident (u allura fid-data u l-hin fuq kwotati) kien ha zewg birra imma *li ma kienx xurban*. Din id-dikjarazzjoni wahedha mhiex prova li l-imputat kien fis-sakkra. Konsegwentement is-sitt imputazzjoni ma gietx pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.

Illi mill-atti jirrizulta li l-imputat kellu fil-pussess tieghu harpoon u sikkina. Mid-depozizzjoni ta' PC 1544 Sonny

Caruana jidher li l-unika licenzja li kellu l-imputat kienet ghal zewg harpoons u li l-ahhar li thallset din il-licenzja kien fis-sena 2005 b'mod li fil-perjodu meta sehh l-incident u meta instabu l-oggetti in kwistjoni l-imputat ma kellux licenzja li kienu jippermettulu jzommhom jew igorrhom mieghu. Ghalhekk is-sebgha imputazzjoni hija pruvata ukoll.

Illi t-tmien imputazzjoni hija dik kontemplata f'l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe simulazzjoni diretta ta' reat in kwantu ddenuncja reat, u simulazzjoni indiretta in kwantu l-imputat holoq tracci ta' reat.

Illi s-simulazzjoni verbali (diretta) tirrikjedi sempliciment li l-agent ikun iddenunzja lill-pulizija reat li jkun jaf li ma sarx; fil-waqt li s-simulazzjoni reali (indiretta) tavvera ruhha meta wiehed b'qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali biex jassiguraw li dak ir-reat kien sar[1].

Illi jirrizulta ampjament li l-imputat iddenunzja lill-pulizija reat (serq tal-vettura tieghu) li huwa kien jaf li ma sehhx, pero ma jirrizultax li huwa holoq xi tracci materjali ta' reat li ma sehhx ghalhekk din it-tmien imputazzjoni tirrizulta pruvata biss in kwantu tirreferi ghas-simulazzjoni diretta.

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik tar-recidiva. Mis-sentenzi esebieti jirizulta li l-imputat gie ikkundannat minn din il-Qorti f'l-4 ta' Gunju 2004 u fis-6 ta' Frar 2008; ghalhekk ir-reati odjerni gew kommessi entro l-perjodu ta' hames snin imsemmija f'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 b'mod li din l-ahhar imputazzjoni giet ukoll sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. L-ewwel fattur zgur huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta'l-imputat li minnha jidher li diga gie kkundannat diversi drabi anke ghal reati li

[1] Ref Pulizija vs David Mizzi Appell Kriminali 16.02.1998

qed jinstab hati taghhom llum, u l-fatt li l-imputat huwa recidiv. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija mill-mument li huwa gie arrestat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tas-sitt imputazzjoni u tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal dak predispost fit-tieni parti ta'l-artikolu 110(2) u cioe r-reat tas-simulazzjoni indiretta u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 49, 50, 110(2), 226(1)(c), u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480, kif ukoll ir-Regolamenti 67 u 82 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994, issib lill-imputat hati ta'l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sebgha u d-disgha imputazzjoni u tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal dak predispost f'l-ewwel parti ta' l-artikolu 110(2) u cioe r-reat tas-simulazzjoni diretta u taghhom tikkundannah erbgha (4) xhur prigunerija u multa ta' mitejn Euro (€200) li ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur. In oltre l-imputat qed jigi skwalifikat minn kull licenzja ta' sewqan ghal perjodu ta' tmien (8) xhur. Il-Qorti qed tordna ukoll l-konfiska tal-harpoon u sikkina esebieti u li l-imputat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' elfejn mija hamsa u disghin Euro u sebgha centezmi (€2195.07) rapprezentanti spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------